MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2003

Numru 424/1997

PULIZIJA
SPETTUR MARIA STELLA CUTAJAR
VS
RICHARD VELLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Richard Vella ta' 20 sena, bin Louis Vella u Helen Borg, imwieled Ingilterra, fil-31 ta' Dicembru 1976, u joqghod Fort Benghajsa, Benghajsa Road, Benghajsa, l/o B'Bugia ID Card No 213487M talli nhar it-8 t'Awissu 1997, wara nofs inhar gewwa Benghajsa, l/o B'Bugia minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-persuna ta' Antoinette Muscat f'periklu car, volontarjament ikkaguna ferita ta' natura gravi perdurata fuq Antoinette Muscat skond kif iccertifika Dr JA Fenech ta' l-Isptar San Luqa.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr ma darab jew sawwat, hedded b'gebel jew hwejjeg ohra ibsin, jew qabadhom jew qabad arma ohra kontra n-nies.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen li jikkonsisti f'dagha.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hedded lil persuna ta' Antoinette Muscat bi kliem.

Talli hebb kontra persuni sabiex jingurjahom, jew idejjaqhom jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor.

Talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi certu Antoinette Muscat ghamlet rapport lil pulizija illi l-imputat Vella kien refgha jdejh fuqha. L-isfond tal-incident kien illi l-imputat kien taqqal t-tifla tal-kwerelanti Muscat u waqt li Muscat marret tara t-tarbija ghal ewwel darba Muscat qalet diskors fis-sens li kienet ser tehodlu t-tarbija. L-imputat taha daqqa ta' ponn. Il-kwerelanti marret tiddewwa u gie rilaxxat certfikat mediku dok MSC1 u irrizulta illi kellha l-ghadma ta' imnehierha miksura.

L-kwerelanti qalet illi apparti daqqa ta' ponn l-imputat kien taha b'xi oggett iebes. Dan l-imputat jichad kategorikament.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat qal illi meta giet omm l-gharusa tieghu d-dar biex tara t-tarbija, din qabdet u qalet li t-tarbija ser tehodha maghha. L-imputat stqarr illi huwa ovvjament ma hallihiex u keccieha l-barra. Hi ma riditx u qabdet furketta ghalih. Hu baqa jsostni li ma refax jdejh fuqha, imma kemm imbuttaha minn sidirha.

PS1330 Alex Vella bhala xhud tal-istqarrija kkonferma l-presenza tieghu waqt t-tehid taghha kif wkoll l-firem.

PS994 Abela kien s-Surgent li ha r-rapport u sostna li baghat lill-kwerelanti taghmel certifikat. Illi anke mas-Surgent Abela l-imputat cahad li refa jdejh fuq omm l-gharusa tieghu.

L-kwerelanti xehdet (fol 22-26) illi hija marida bil-kancer. Xehdet illi hija marret zzur lil bintha li kien ghadha kemm kellha tarbija u l-imputat bhas-soltu beda jirrabja u beda jkecciha l-barra. Xhedet illi hija ta’ sikwit kienet ssib lil bintha tibki.

Qalet illi daru hamsa ghaliha, minn taha minn wara u minn taha bil-hadida go wiccha.

L-kwerelanti xehdet illi hija marret ghand bintha qabel ma harget mill-isptar sabiex tkun tista tahslilha kullimkien u ssib n-nadif u ssajrilha.

Meta bintha giet bit-tarbija l-kwerelanti qalet il-kliem “kemm hi helwa ghandi qalb nehodha”. Minn hemm l-imputat beda jkellimha hazin, beda jheddidha bil-hadida u daru maghha Louis u Harry pero kien l-imputat li taha fuq wiccha.

Ili Brian Grima xhed illi l-kwerelanti kienet qalet il-kliem li ser tiehu t-tarbija bic-cajt izda l-imputat hadha biss serjeta. Xhed illi l-imputat beda jghajjar lill kwerelanti “mignuna”. Brian Grima baqa jsostni illi huwa ma rax lill-kwerelanti tissawwat ghaliex hu kien mar gewwa jfittex il-handbag tal-istess kwerelanti.

Harry Farrugia li kien presenti u ma tax importanza ghal-kliem li qalet il-kwerelanti fuq it-tarbija izda qal li l-imputat kien hadhom bis-serjeta. Farrugia sostna li f'mument minnhom l-kwerelanti bdiet tghajjat, li l-imputat imbuttaha l-barra u li l-kwerelanti kienet ser taqa fuq bank li fuqu kien hemm il-chrome. L-kwerelanti qabdet wahda minnhom u marret ghall-imputat u kien rega imbuttaha u kien hemm li hu (Harry) dahal fin-nofs biex jferraqhom. Hemmhekk il-kwerelanti u l-imputat bdew joffendu lil xulxin u l-kwerelanti giet bl-isqueezer ghalih. Harry Farrugia sostna illi kien missier l-imputat li wassal lill-kwerelanti l-ghassa tal-pulizija u li kemm missier l-imputat kif wkoll hu pprovaw jferrqu lill-partijiet.

Sharon Grima sostniet il-versjoni li l-imputat ta fl-istqarrija u qalet li ommha kienet dejjem tghawwieha kontra l-gharus taghha u li riedet tiehu t-tarbija sabiex hi (Sharon) terga tmur tghix ghandha (ommha) u taghtiha l-flus mill-impjieg taghha. Baqghet ssostni li l-gharus taghha kien sempliciment imbotta lill-ommha.

L-anqas fix-xhieda ta' Louis Vella ma jirrizulta kif kissret imnehierha l-kwerelanti. Vella jsostni li hu kien qed jferraq u ppreswadiha titlaq u wassalha sal-ghassa.

L-imputat ta x-xhieda tieghu a fol 101 et seq fejn ikkonferma l-istatement tieghu u baqa jinnega li refa jdejh fuq omm l-mara tieghu.

Ikkunsidrat:-

Illi mill-provi fuq elenkati jirrizulta b'mod evidenti illi l-kwerelanti wegghet serjament waqt li kienet qed tara lin-neputija taghha - soffriet feriti ta' natura gravi perdurata billi kissret l-ghadma ta' imnehierha.

Illi din il-Qorti ma temmen ebda rakkont tax-xhieda li ppruvaw jfehmu lill-Qorti inutilment li l-kwerelanti kissret imnehierha minghajr ebda intervent ta' hadd – anzi suppost b'kullhadd jghin u jferraq.

Illi ma dana kollu l-kwerelanti li messha kienet taf kemm kienet delikata s-sitwazzjoni ma messa qatt qalet dawk il-kliem provakattivi l-anqas bic-cajt – haga li din il-Qorti ma temminx li kien.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza pero b'dana li taht provokazzjoni, ghalhekk wara li rat Art 216, 217, 339(e), 338dd u 28A tal-kap 9 u tikkundannah ghal sitt xhur prigunerija sospiza ghal sentejn.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------